Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10237 — BRIDGEPOINT/INFINIGATE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 140/04)

1. Fl-14 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bridgepoint Group Limited ("Bridgepoint", ir-Renju Unit); kif ukoll

— Infinigate Holding AG ("Infinigate", l-Isvizzera), ikkontrollata minn H.I.G. Capital L.L.C. ("HIG").

Bridgepoint takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Infinigate kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Bridgepoint: grupp ta' ekwità privata internazzjonali ffukat fl-investiment f'negozji stabbiliti tas-suq medju Ewropew f'firxa wiesgħa ta' setturi, inklużi l-konsumaturi/il-bejgħ bl-imnut, servizzi tan-negozju, industrijali, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa, media u teknoloġija;

— Infinigate: distribuzzjoni bl-ingrossa b'valur miżjud ta' prodotti tas-sigurtà tal-IT (inklużi firewalls, VPN gateways, sistemi ta' detezzjoni u prevenzjoni ta' intrużjoni, kriptaġġ, protezzjoni kontra l-virus, email u soluzzjonijiet ta' sigurtà tal-kontenut, u soluzzjonijiet ta' sigurtà abilitati għall-cloud)

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10237 — BRIDGEPOINT/INFINIGATE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.